**Darba waħda kien hemm tajra …**

Darba waħda kien hemm tajra b'kulur blù skur kif ukoll b'qamar jiddi bħala wiċċ. Sidha kien wieħed tifel ċkejken li ma tantx kellu saħħa f'idejh. It-tajra għalhekk ħarbitlu u baqgħet tiela' sas-smewwiet.

F'radda ta' salib din it-tajra waslet ħdejn is-sħab abjad karti. Min jaf kemm kienet qed tieħu pjaċir b'dik l-arja friska ddur magħha. Fil-fatt it-tajra ħassitha fil-ġenna ta' l-art.

Minn hemm fuq żgur li bdiet tara affarijiet sbieħ u ta' lwien differenti. Żgur li rat tfal jilagħbu, xi nies sejrin għax-xogħol jew inkella xi knisja sabiħa. Min jaf kemm bdiet tieħu pjaċir tgħaddi fuq l-irħula Maltin. Kellha vjaġġ mill-isbaħ fuq Malta, tara lill-bdiewa jiżirgħu l-patata u fuq kollox xi nies jgħumu f'xi wħud mill-bajjiet tagħna.

Jiena naħseb li rat xi affarijiet koroh ukoll, bħal karozzi jdaħħnu u ħsejjes ta' ħornijiet. Min jaf kemm bdiet titnikket b'dak id-duħħan velenuż tal-karozzi u tal-fabbriki, iħammeġ l-arja u lilha stess.

Dik it-tajra taret fuq Malta kollha kemm hi. Minn jaf jekk ħassitx aktar niket jew aktar pjaċir b'dak li rat? Ma nafux għax it-tajra ta' kulur blù u b'qamar jiddi bħala wiċċ baqgħet sejra u ħadd qatt ma ra aktar.

---